

Brussell, 17 ta' April 2026
(OR. en)

7859/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0411 (NLE)**

**ECOFIN 397
UEM 121
FIN 492
ECB
EIB**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa; Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għas-Slovenja - Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tapprova l-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tas-Slovenja f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif tinsab fid-dokumenti 10612/21 + ADD 1. Il-Kunsill emenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fis-17 ta' Ottubru 2023, fl-10 ta' Diċembru 2024, fl-20 ta' Ġunju 2025 u fit-12 ta' Diċembru 2025.
2. Fit-13 ta' Marzu 2026, is-Slovenja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 minħabba li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, is-Slovenja ppreżentat RRP emendat.
3. Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat b'mod pożittiv skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

4. F'dan il-kuntest, abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-27 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja, li tinsab fid-dokumenti ST 7808/26 u ST 7808/26 ADD 1-2.
5. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fl-14 ta' April 2026 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
6. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti ST 7812/26 u ST 7812 ADD 1.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja, kif tinsab fid-dokument ST 7812/26, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja, kif jinsab fid-dokument ST 7812/26 ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.